MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-6 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 897/2003

**Awtorita' Marittima ta' Malta**

**vs**

**Dr. Malcolm H. Pace u b'digriet tas-26 ta' Marzu, 2004 gew kjamati fil-kawza S. M. & D Company Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-Awtorita' attrici ppremettiet:

Illi l-konvenut huwa sid u "master" ta' bastiment bl-isem "Kondor".

Peress illi dan il-bastiment kien ghal diversi xhur “berthed midstream” Sliema Creek, u stante li ma kienx jintuza regolarment mill-konvenut gie “laid-up” ai termini ta’ l-Att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta (Kapitlu 352 tal-Ligijiet ta’ Malta) sa mill-1 ta’ Marzu, 2000 (ara ittra datata 15 ta’ Jannar, 2002 annessa bhala Dok. A).

Peress illi sussegwentement il-konvenut rabat u abbanduna l-istess bastiment f’Hay Wharf, Sa Maison (il-Pieta’) biswit il-vapur t’Ghawdex.

Peress li l-konvenut ghandu jhallas lill-Awtorita’ attrici s-somma ta’ disa’ mija u disa’ liri (Lm909) bhala “laid-up dues” relattivi ghall-“Kondor” ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Marzu, 2000 u l-31 ta’ Jannar, 2002 hekk kif jidher mill-*invoice* Numru 83039 datata 30 ta’ Jannar, 2002 hawn annessa bhala Dok. B.

Peress illi minn spezzjoni li ghamlet l-attrici nhar id-19 ta’ Settembru, 2001, irrizulta li l-imsemmi bastiment kien qed jiddeterjora u ghalhekk il-konvenut gie ordnat mill-Awtorita’ attrici biex jiddisponi minnu u gie mgharraf li sakemm isehh dan, huwa kellu jhallas *rent on wrecks* skond l-Att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta u l-artikli 30 u 31 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet  (ara ittra datata 15 ta’ Jannar, 2002 annessa bhala Dok. A).

Peress li l-konvenut naqas li jiddisponi mill-bastiment, u konsegwentement ghandu jaghti lill-Awtorita’ attrici *rent on wrecks* ghall-bastiment “Kondor” fis-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija (Lm252) ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Frar, 2002 u t-2 ta’ Marzu, 2002 (*invoice* nru, 84235 datat 12 ta’ Marzu, 2002 ezebita bhala Dok. C) u fis-somma ta’ tmien mija u erbghin lira Maltija (Lm840) ghall-perjodu bejn it-3 ta’ Marzu, 2002 u l-1 ta’ April, 2002 (*invoice* numru 85006 datat 9 t’April, 2002 u ezebita bhala Dok. D).

Peress illi l-bastiment de quo tant kien fi stat hazin li ghereq gewwa Hay Wharf nhar is-17 ta’ Jannar, 2003.

Peress illi l-Awtorita' attrici, stante li hija l-awtorita' responsabbli mill-Portijiet u stante li l-konvenut ma hax passi biex jirrimedja s-sitwazzjoni, tellghet il-bastiment "Kondor" f'wicc il-bahar u ttrasferietu ghal Bridge Wharf, Marsa, filwaqt li nfurmat lill-konvenut li qed taghmel dan a spejjez tieghu.

Peress li minhabba f'hekk l-Awtorita' attrici nkorriet spejjez fit-total ta' tlett elef mija u dsatax il-Lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (lm3,119.25), liema ammont huwa issa dovut lilha mill-konvenut, hekk kif jidher minn tlett invoices numri 96789, 96790 u 96791 datati 8 ta' Mejju, 2003 (Dok. E, F u G rispettivament).

Peress li minkejja li gie nterpellat diversi drabi biex ihallas l-ammonti fuq imsemmija, nkluz b'ittra nterpellatorja datata 12 ta' Lulju, 2002 (Dok. H) u ittra ufficjali datata 4 ta' Gunju, 2003 (ezebita bhala Dok. I), il-konvenut baqa' nadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-hlas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' hamest elef mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,120.25) konsistenti in kwantu ghal disa' mija u disa' liri Maltin (Lm909) f'*laid-up dues*, elf u tnejn u disghin lira Maltija (Lm1,092) f'*rent on wrecks* u total ta' tlett elef mija u dsatax-il lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm3,119.25) fi spejjez involuti ghar-*refloating* u trasferiment tal-bastiment "Kondor" inkorsi mill-Awtorita' attrici.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-Awtorita' attrici l-imsemmija somma ta' hamest elef mija u ghoxrin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm5,120.25).

3. Tordna lill-konvenut biex, fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tistabilixxi din il-Qorti, huwa jiddisponi permanentement mill-bastiment "Kondor" u jnehhih mill-ibhra territorjali Maltin ai termini tar-Regolament 30 (3) tar-

Regolamenti dwar il-Portijiet, u fin-nuqqas l-Awtorita' attrici tigi awtorizzata a spejjez tal-istess konvenut tiddisponi definittivament mill-istess bastiment.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-*invoices* sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-Awtorita' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Malcolm H. Pace** a fol. 46 tal-process fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament illi ma hemmx relazzjoni guridika bejn il-partijiet billi l-eccipjent la qatt ma kien u lanqas ma huwa s-sid jew il-'master' ta' bastiment bl-isem "Kondor".

**2.** Illi d-domandi attrici *in kwantu* huma diretti kontra l-esponenti personalment ma jistghux iregghu stante li kull ma ghamel l-esponenti ghamlu fil-kapacita' professjonali tieghu ta' Avukat u *kwindi* personalment ma jista' qatt jigi kkundannat responsabbli ghall-ammont pretiz.

**3.** Sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamati in kawza s-socjeta' S M & D Company Ltd** a fol. 84 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi ma' hemm l-ebda ammont dovut mill-eccipjenti bhala 'laid up dues', 'rent on wrecks' jew spejjez ohra nvoluti ghar-*refloating* u trasferiment tal-"Kondor";

2. Illi l-"Kondor" kien gie "berthed midstream" Sliema Creek bil-permess ta' l-Awtorita' attrici u ma kellu qatt jigi dikjarat 'laid-up' u lanqas ma kien jikkwalifika biex ihallas

‘rent on wrecks’ skond l-Att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta u l-artikli 30 u 31 tar-Regolamenti dwar il-Portijiet;

3. Illi l-Awtorita’ attrici ma kkoperatx biex tassigura li l-permessi mehtiega ghall-*scuttling* jinhargu minghajr dewmien sabiex jigu evitati l-problemi u spejjez li nqalghu;

4. Illi l-‘laid-up dues’ u ‘rent on wrecks’ gew iffissati unilateralment u arbitrarjament mill-Awtorita’ attrici u l-ispejjez li gew inkorsi saru kapriccjozament mill-Awtorita’ attrici meta s-socjeta’ eccipjenti kienet diga’ ghamlet l-arrangamenti kollha mehtiega;

5. Illi s-socjeta’ eccipjenti qatt ma rceviet mill-Awtorita’ attrici l-ebda talba ghall-hlas ta’ xi ‘laid up dues’, ‘rent on wrecks’ jew spejjez ohra nvoluti ghar-*refloating* tal-“Kondor”;

6. Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju l-ammont mitlub huwa nkorrett, eccessiv, zbaljat, ezagerat u mhux gustifikat;

7. Illi t-tielet talba attrici ma tistghax tintlaqa’ qabel ma jinhargu l-permessi kollha necessarji mill-Awtorita’ attrici sabiex is-socjeta’ eccipjenti tiddisponi permanentement mill-“Kondor” u tnehhieh mill-ibhra territorjali Maltin;

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-decizjoni preliminari taghha tat-28 ta’ Jannar 2005 a fol 95 li biha dina Qorti laqghet l-eccezzjoni preliminari ta’ Dr. M. Pace li d-domandi attrici ma jistghux jigu diretti kontra tieghu personalment;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

**Fatti**

L-awtorita' attrici kienet kitbet lill kjamati fil-kawza biex tinfurmahom li l-bastimenti taghha fosthom il-Kondor kienu ilhom zmien marbuta mid-stream go Sliema Creek ma kienux qed jahdmu u ma kienux f'kondizzjoni tajba ghalhekk jekk ma kienux ser jigu rrangati jew skrappjati kienu ser jitnehhew minn fejn kienu u sakemm jibqu hemm kienet ser tigi applikata r-renta mill 1 ta' Frar 2002 skond ir-Regolament tal-Port tal-1966. Fis-6 ta' Mejju 2002 kienet saret laqgha bejn il-partijiet biex tinstab soluzzjoni fuq dina l-kwistjoni u fuq il-kontijiet pendenti u gie deciz li l-konvenut Dr. Pace jinghata hames xhur zmien biex jiddisponi mill-Kondor u bastimenti ohra kellhom jigu rrangjati. Kienet saret applikazzjoni mill-kjamati fil-kawza biex il-Kondor jigi *scuttled*. Fil-frattemp dan il-bastiment ghar-raguni ta' sikurezza ittiehed mill kjamati fil-kawza minn Sliema Creek ghal Sa Maison fejn il-vapuri tal-Gozo Channel. Fid-19 ta' Novembru 2002 il-Kondor ghereq u rega gie *refloated* mill-kjamati fil-kawza imma wara xi granet rega ghereq. L-awtorita' kitbet lil Dr. Pace biex tghidlu jerga jtella l-bastiment u dan wegibhom li kien ser jaghmel hekk fi zmien qasir u li kien qed jistenna l-permess tal-Mepa biex isir l-*scuttling* tal-bastiment. Billi l-bastiment baqa' hemm minn Novembru 2002 sa Frar 2003 u ma sar xejn fuqu, l-Awtorita' tellghet il-bastiment u nehhietu minn fejn kien u haditu l-Port il-Kbir fejn reggha ghereq u baqa' hemm. Imbaghad l-Awtorita' baghtet il-kontijiet tal-kera u spejjez li ghamlet lill kjamati fil-kawza.

**Talba**

F'dina l-kawza l-atturi qed jitolbu is-somma ta' Lm5,120.25 inkorsi mill-Awtorita' attrici konsistenti f' Lm909 ghal *laid-up dues*, Lm1,092 ghal *rent on wrecks* u Lm3,119.25 spejjez involuti ghar-*refloating* u trasferiment tal-bastiment "Kondor".

**Konsiderazzjonijiet**

Illi s-socjeta' kjamat fil-kawza qed tikkontendi li hija qatt ma rceviet mill-Awtorita' attrici l-ebda talba ghall-hlas ta' xi '*laid up dues*', '*rent on wrecks'* jew spejjez ohra nvoluti

ghar-*refloating* tal-"Kondor". Hi qed tirritjeni li l-korrispondenza u l-kontijiet illi kienu jintbghatu m'humiex indirizzati lill kumpanija in kwistjoni u fil-fatt qatt ma waslu ghandha.

Illi l-atturi ssottomettew li huma dejjem ittrattaw ma' Dr. Malcolm Pace li hu l-uniku direttur tas-socjeta' kjamat fil-kawza. Dr. Pace fil-fatt ikkonferma li huwa ghandu 499 *shares* minn 500 u s-*share* l-iehor hu ta' martu imma jghid li jidhirlu li hu biss hu direttur u ma jafx jew ma jiftakarx jekk il-mara tieghu hiex direttur ukoll (fol 238).

"Ghandu jkun pacifiku li fejn jirrizulta li socjeta` tintuza bi skop li jigu evitati obbligi personali, il-Qrati ghandhom is-setgha li joqghodu fuq "il-verita`sostantiva, u mhux lejn il-finzjonijiet legali". Il-personalita` guridika separata moghtija lis-socjetajiet titqies bhala privilegg moghti mil-ligi, liema privilegg m'ghandux jigi abbuzat. Is-socjeta' ma setghetx kienet injara minn dak li gara ghax kienet qeghda titmexxa mill-istess konvenuti. Fejn allura socjeta` tkun kompartecipi f'operat simili, ghandha gustament tinzamm responsabbli *in solidum* ma min ikun assuma l-obbligu principali" (ara sentenzi Nevada Limited et vs Hubert Mifsud et App 16 ta' Frar 2004, ara wkoll Appell Imhallef A. Magri et vs Aeroflot Russian Int. Airlines et 1/7/2005; PA GCD E. Leone Enriequez et vs Dr. A. Farrugia et 12/12/1995; Appell Supermarkets (1960) Ltd vs Le Cram Developments Co Ltd 22/10/2002 u App Dr. J. Herrera noe et vs T. Tabone et noe 15/31996 fost ohrajn).

Ghalhekk il-konvenut Dr. M. Pace qua direttur tas-socjeta' kjamata fil-kawza ma jistax jghid li hu ma kienx jaf li l-kontijiet li rceva minghand l-atturi kienu ghall kumpanija minnu stess immexxija. Fil-laqgha tas-6 ta' Mejju 2002 Dr. Pace kien deher bhala rapprezentanti legali tal-kumpanija kjamata fil-kawza u f'dik il-laqgha dawn ir-*rents* kienu gew diskussi.

**Laid up dues**

Dwar it-talba ta’ l-atturi ghal *laid up dues*, il-kjamati fil-kawza jirritjenu li l-“Kondor” kien gie “*berthed midstream*” Sliema Creek bil-permess ta’ l-Awtorita’ attrici u ma kellu qatt jigi dikjarat ‘laid-up’. Inoltre skond il-kjamati fil-kawza dawn il-‘*laid-up dues’* gew iffissati unilateralment u arbitrarjament mill-Awtorita’ attrici.

L-atturi qed jitolbu s-somma ta’ Lm909 bhala *laid up dues* ghal perjodu l-1 ta’ Marzu 2000 sal- 31 ta’ Jannar 2002 (fol 8) u hi mahduma a bazi ta’ rati skond il Port Regulations LN 30/1977 kif emendat u mhux arbitrarjament.

L-atturi applikaw u talbu dawn il-*laid up dues* ghaliex il-bastiment Kondor ma kienx qed jintuza, u fil-fatt lanqas setgha jintuza billi ma kien registrat ma’ l-Awtorita’ Marittima (ara fol 44). Il-kjamati fil-kawza kienu kkontestaw dawn il-*laid up dues* izda l-atturi qatt ma rrinunzjaw ghalihom ghalkemm tawhom *concession*. Fil *meeting* tas-6 ta’ Mejju 2002 (ara dokument ezibit a fol 129) jintqal li *Dr. Pace contested the laid up dues which were being charged and said they were not properly addressed. Plaintiffs were not in agreement with Dr. Pace ‘s assertion that no fees were to be charged. The charges being levied in this instance were not berthing fees. These charges were invoiced after a lengthy layoff was considered during which time the company had promised to bring the said boats in a seaworthy and operational position.*

Dwar gie koncess f’dan il-*meeting* tas 6 ta’ Mejju 2002, l-atturi jghidu (ara ittra a fol 137) *the concession which was granted to you during the said meeting allowing you until September 2002 to regulate your position and pay the laid up dues was subjected to the condition that you provide us with proof of your intentions as stated in the meeting.* Haga li l-atturi jghidu li l-kjamati fil-kawza m’ghamlux u baqghu inattivi u l-bastimenti baqghu kif kienu.

Anthony Caruana, Operations Manager, ma’ l-Awtorita’ xehed li fil-laqgha ta’ Mejju 2002, huma ftehmu ma’ Dr. Pace li se jinghata sa Settembru 2002 biex jirregola ruhhu

u jhallas l-ammonti dovuti. L-Awtorita’ ma kienitx se ticcargja *laid up dues* fuq dawn il-bastimenti jekk il-kjamati fil-kawza jnehhu l-bastimenti minn hemm jew jirrangawhom.

Il-kjamati fil-kawza jghidu li  ghamlu dak kollu li setghu u kienu qed jistennew li jinhargu l-permessi relattivi meta l-Kondor ghereq. Izda kif ser jinghad aktar il quddiem dan mhux ezattament kif qed jissottomettu l-kjamati fil-kawza.

Ghalhekk il-Qorti tiddeciedi li fil-fatt dan l-ammont mitlub mill-atturi huwa dovut.

**Rent on wrecks**

L-istess japplika ghal *rent on wrecks* li qed jitolbu l-atturi ghal perjodu l-1 ta’ Frar sal- 1 ta’ Mejju 2002.  Il-kjamati fil-kawza qed jikkontestawh l-ammont mitlub ghax qed jghidu li huma ma setghux jiehdu l-lanca f’xi garage minhabba is-*size* taghha u ghax ma kellhomx permess tal-awtoritajiet relattivi biex icaqilquha.

Illi r-*rent on wreck* jigi applikat mill-atturi meta bastiment jigi dikjarat *wreck* jew *hulk* kif fil fatt gie dikjarat f’dan il-kaz meta gie deciz li l-Kondor kien *unseaworthy* u jista jkun ta’ perikolu.  Il-Kondor gie dikjarat bhala *hulk* billi kien *the body of an unseaworthy boat* (ara Dok RG1 fol 118 d-deskrizzjoni ta’ *hulk* a fol 105 ).  F’dak il-kaz tapplika *fee* differenti minn dik ghall  *laid up* (ara 31 u 32 tal Port Regulations).

L-awtorita’ attrici kienet taghti l-permess biex il-bastiment jiccaqlaq minn fejn kien  kieku kien hemm verament intenzjoni li l-bastimenti jigu rrangjati jew b’mod iehor l-kjamati fil-kawza jiddisponu minnhom, fosthom il-Kondor.  L-awtorita’ ma kienitx responsabbli li tottjeni l-permess biex il-kjamati fil-kawza  jaghmlu l-iscuttling tal-bastiment.

Ghalhekk dana l-ammont hu dovut ukoll.

**Refloating tal-Kondor**

Dwar l-ispejjez li qed jitolbu l-atturi ghar-*refloating* tal-Kondor, il-kjamati fil-kawza qed jikkontendu li dawn gew inkorsi kapriccjozament mill-Awtorita’ attrici meta s-socjeta’ kjamata fil-kawza kienet diga’ ghamlet l-arrangamenti kollha mehtiega. Dr. M. Pace xehed li meta l-Kondor ittiehdet il-Pieta’ dina kienet gherqet u mbaghad regghet ittellghet, imma wara ftit granet rega gherqet. Fis-7 ta’ Frar 2003 hu kien gie nfurmat mill Awtorita’ li l-ghada 8 ta’ Frar huma kienu se jtellghu l-Kondor. Hu qallhom li kien ser jipprova jaghmel l-arrangamenti relattivi biex huma stess jaghmlu dana x-xoghol. Kien avvicina *divers* u anke tal-cranes izda dawn ma kienux disponibbli dik il-gurnata u kien avza lill atturi li minflok kienu se jkunu disponibbli fid-9 ta’ Frar. Minkejja dana pero’ l-atturi fit-8 ta’ Frar baghtu lill ta’ Cassar Ship Repair Yard biex itellghu l-bastiment. Huma isostnu inoltre li kienu ghamlu minn kollox biex il-Kondor jigi *scuttled* izda l-bastiment lahaq ghereq meta kienu qed jistennew li jinhareg il-permess tal-Mepa. Il-kjamati fil-kawza kienu taw il-bastiment b’*donation* lill Ministeru t’Ghawdex biex dan iservi bhala *dive site*. Dwar l-ammont li qed jintalab il-kjamati fil-kawza jirritjenu li dana l-ammont hu esagerat u l-massimu li huma kkalkulaw minn dak li kien irrizultalhom l-ewwel darba kien fir regjun ta’ xi Lm600.

Anthony Caruana, Operations Manager ma’ l-Awtorita’, xehed li Dr. Pace kien ha l-Kondor Sa Maison hdejn il-vapur t’Ghawdex. Fid-19 ta’ Novembru 2002 il-Kondor ghereq u Dr. Pace ha hsieb li l-bastiment jerga jigi *refloated* imma ftit granet wara cjoe fil-25 ta’ Novembru, il-Kondor rega’ ghereq. Fil-28 ta’ Novembru 2002 kienu kitbu lill konvenut (ara Dok a fol 32) fejn infurmawh li skond ir-regolamenti tal-Port tan 1966 – 31(A)(1) - id-Direttur tal-Port kellu jigi notifikat bil-mod kif sejjer jittella l-bastiment Kondor li kien ghereq. Fl-10 ta’ Dicembru Dr. Pace irrisponda (ara fol 33) li kienu sejrin inehhu l-bastiment fi zmien qasir u li kien hemm applikazzjoni pendenti biex il-bastiment jigi *scuttled* Ghawdex. Dr. Pace pero’ baqa ma hax passi dwar it-tieni gharqa tal-Kondor, ghaddew xi tlett xhur, ghalhekk fil-11 ta’ Frar 2003 (fol 41) kiteb lill kjamati fil-kawza u nfurmathom li l-Awtorita’ kienet ser taghmel arrangamenti biex ittella l-bastiment u tiehdu

l-Port il-Kbir a spejjez taghhom. Fis- 27 ta’ Frar 2002 kiteb lill kjamati fil-kawza fejn infurmahom li fit-8 ta’ Frar 2003 il-Kondor kien rega gie imtella u trasferit il-Porti il-Kbir. Imbaghad fis-17 ta’ Frar 2003 il-bastiment reggha ghereq.

**Tikkunsidra**

Jirrizulta mill-provi li l-atturi kienu kemm il-darba avzaw lill kjamati fil-kawza, billi cemplu u billi kitbu, biex huma jnehhu l-bastiment minn fejn kien billi kien ta’ perikolu ghan-navigazzjonji, kien qed jokkupa post kummercjalment importanti, u li l-bastiment kien qed jiddeterjora. Il-bastiment ma setghax jithalla hemm ghax kien qed johloq problemi lill vapuri tal-Gozo Channel li jorbtu Sa Maison. Fil fatt il-Gozo Channel kienu kitbu lill atturi u kienu qalulhom li l-bastiment kien qed jostakola u talbuhom biex jiehdu passi (fol 164) izda gara li, ghalkemm avzati, l-kjamati fil-kawza, minn Novembru 2002 sa Frar 2003 hallew il-bastiment fejn kien mgharraq u ma ghamlu xejn.

Jiri rilevat inoltre li, apparti l-fatt li l-awtorita’ kienet wissiet ripetutament lill kjamati fil-kawza biex inehhu l-bastiment, jekk l-Awtorita jidhrilha li bastiment hu ta’ perikolu, dan jista’ jitnehha immedjatament. Il-bastiment Kondor kien ghereq, gie *refloated*, rega ghereq, u baqa’ hemm minn Novembru 2002 sa Frar 2003 bla ma sar xejn biex dan jigi *refloated* (ara Doc AC1 fol 39) u ghalhekk l-awtorita’ kellha kull dritt li fic-cirkostanzi tnehhieh. Fis- 7 ta’ Frar 2003 l-Awtorita’ ikkuntrattajt lill Cassar Ship Repair biex jerga jtella l-Kondor f’wicc l-ilma u isirulu t-tiswijiet temporanji u jiehduh il-Port il-Kbir.

Il-kjamati fil-kawza qed jikkontendu li huma f’dan il-perjodu kienu qed jistennew il-permess mill- Mepa biex il-bastiment jigi *scuttled* izda kienu nqalghu d-diffikultajiet.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-awtorita’ attrici kienet ghamlet dak li setghet biex tghin lill kjamati fil-kawza jottjenu l-permess minghand il-Mepa u ma kienux qed isibu oggezzjoni lil-Kondor jigi *scuttled*. Il-kjamati fil-

kawza donnhom kwazi jridu jaghtu tort lill atturi li dan il-permess ma harigx. L-atturi ma kellhom ebda obbligu li jsegwu l-applikazzjoni li saret lill Mepa jew li jinsistu li dana johrog. Izda b'dana kollu huma kienu kkorrispondew mal-Mepa biex jipprovaw jghinu lill kjamati fil-kawza. Kien l-obbligu tal-kjamat fil-kawza bhala *owners* tal-bastiment li jkomplu jsegwu l-applikazzjoni u jaraw li l-permess johrog biex ikunu jistghu jnehhu l-bastiment minn hemm. Joseph Portelli xehed li ghalkemm l-applikazzjoni saret mill-Ministeru t'Ghawdex din saret fl-isem l-*owners*, cjoe is-socjeta' kjamata fil-kawza u dina ghalkemm kienet ippromettiet li se taghmel donazzjoni tal-bastiment baqa' ma sar ebda trasferiment.

Il-kjamati fil-kawza qed jikkontendu wkoll li huma stess kienu lesti li jaghmlu x-xoghol ta' *refloating* izda meta pprovaw iqabbdu lin-nies dawn ma setghux jaghmlu x-xoghol meta talbuhom, imma f'data ohra, izda fil-frattemp l-atturi kkuntrattjaw lil Cassar Ship Repair biex taghmel ix-xoghol. Il-Qorti hi tal-fehma li jekk fil-fatt l-affarijiet graw kif qed jallegaw il-kjamati fil-kawza, qabel Frar 2002, huma kellhom zmien bizzejjed biex jiehdu hsieb li jergghu jtellghu l-bastiment meta reghga gherеq it-tieni darba imma jidher li l-kjamati fil-kawza ma kellhom ebda intenzjoni li jergghu jtellghu l-bastiment ghax kienu qed jisperaw li f'dak il-perjodu jinhareg il-permess tal-Mepa u l-bastiment jigi *scuttled* a spejjez ta' *sponsor* u mhux minnhom.

Ghalhekk l-atturi kienu ntitolati jekk mhux obbligati li jnehhu l-bastiment minn fejn kien billi kien ta' perikolu.

Kwantu ghall l-ispejjez ghar-*refloating* li qed jippretendu l-atturi dawn jinsabu fid-Dok E sa G fol 11-13 . Il-Qorti hi tal-fehma li dana l-ammont hu dovut hlief ghall ammont ta' Lm 355 li huma spejjez li l-kjamati fil-kawza m'ghandhomx ibatu ghax huwa dovut ghall xoghol li ma sarx kif suppost minn Cassar Ship Repair meta l-bastiment rega gherеq fis-17 ta' Frar 2003.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa’ t-talbiet attrici u
Tiddikjara lis-socjeta’ kjamata fil-kawza responsabbli ghall-hlas lill-Awtorita’ attrici tas-somma ta’ Lm4,765.25 konsistenti in kwantu Lm909 f’*laid-up dues*, Lm1,092 f’*rent on wrecks* u total Lm2,764.25 fi spejjez involuti ghar-*refloating* u trasferiment tal-bastiment “Kondor” inkorsi mill-Awtorita’ attrici.
Tikkundanna lis-socjeta’ kjamata fil-kawza thallas lill-Awtorita’ attrici l-imsemmija somma ta’ erbat elef seba’ mija hamsa u sittin lira Maltin u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm 4,765.25).
Tordna lis-socjeta’ kjamata fil-kawza biex, fi zmien hames xhur improrogabbli hija tiddisponi permanentement mill-bastiment “Kondor” u tnehhih mill-ibhra territorjali Maltin ai termini tar-Regolament 30(3) tar-Regolamenti dwar il-Portijiet, wara li tottjeni l-permess ta’ l-Awtorita’ u fin-nuqqas l-Awtorita’ attrici tigi awtorizzata a spejjez tal-istess socjeta’ kjamata fil-kawza tiddisponi definittivament mill-istess bastiment.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta kjamata fil-kawza.
Il-konvenut Dr. M. Pace personalment qed jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju spejjez ghas-socjeta’ kjamata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------